MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1935/1999/1

**Dr. Mario Vella u Jimmy Magro rispettivament President u Segretarju Generali tal-Partit Laburista u ghan-nom u in rappreżentanza tal-Partit Laburista, kif ukoll personalment, u b'digriet tal-24 ta' April, 2002 Dr. Mario Vella gie sostitwit b'Emanuel Cuschieri.**

**vs**

**Dione Borg u Victor Camilleri**

## Il-Qorti.

## Preliminari

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Peress illi l-konvenuti Dione Borg bhala awtur u Victor Camilleri bhala editur tal-gurnal “Il-Mument”, f’pagna 32 tal-harga tal-istess gurnal tal-hadd 8 ta’ Awissu, 1999, ippubblikaw artikolu ntestat “Il-fondi ‘ghaddew’ fiz-zmien li l-MLP kien qed jibni c-Centru Nazzjonali Laburista”, li fih allegaw, fost l-ohrajn, li l-Partit Laburista rcieva fondi ‘illegali’ fiz-zmien meta kien qed jibni c-Centru Nazzjonali Laburista fil-Hamrun.

Peress li din l-allegazzjoni l-konvenuti rabtuha ma’ l-allegazzjoni li l-Malta Labour Party ghamel kampanja ntiza biex tiddefendi lil individwu akkuzat b’reati serji u li allegatament ghadda fondi ghall-MLP.

Peress li l-atturi personalment fiz-zmien in kwistjoni kienu ga jokkupaw il-karigi rispettivi taghhom u kellhom ir-responsabbilta’ tat-tmexxija tal-Partit Laburista, u konsegwentement, l-allegazzjonijiet msemmija necessarjament jimplikawhom personalment.

Peress illi ghalhekk bl-istampat imsemmi l-konvenuti taw malafama lill-atturi billi attribwewlhom fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama taghhom u li jesponuhom ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

Peress illi l-atturi proprio et nomine ghandhom dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-istess konvenuti taw malafama lill-atturi proprio et nomine bl-istampat fuq imsemmi kif fuq inghad;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lil kull wiehed mill-atturi dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja u malafama li huma sofrew bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 10 tal-process fejn eccepew:**

1. Preliminarjament illi l-atturi personalment la huma identifikati u anqas identifikabbli u t-talbiet ma jirrizultawx fil-konfront taghhom.
2. Illi l-pubblikazzjoni *de quo* hija koperta mill-Privilegg Kwalifikat taht l-Art. 12A tal-Kap. 248.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-kitba hija "fair comment" permessa mill-Ligi u mill-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**L-ewwel eccezzjoni**

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li l-atturi personalment, la huma identifikati u anqas identifikabbli u t-talbiet ma jirrizultawx fil-konfront taghhom.

Dwar dina l-eccezzjoni, l-atturi jissottomettu li huma qed joggezzjonaw ghall artikolu anke fil-kapacita taghhom personali, billi dak li nkiteb huwa malafamnti mhux biss fil-konfront tal-Partit Laburista, imma ukoll fil-konfront taghhom personali bhala l-ufficjali li kellhom ir-responsabilita' tal-amministrazzjoni tal-Partit, l-aktar il-President u s-Segretarju tal-Partit Laburista, li jmexxu l-amministrazzjoni tal-partit. Fiz-zmien tal-pubblikazzjoni ta' l-artikolu u fiz-zmien tal-bini tac-centru, l-atturi kienu

jokkupaw il-karigi imsemmija. Huma jirritjenu li l-artikolu kien intiz biex jaghmel hsara lilhom bhala ufficjali tal-partit, fis-sens li kienu implikati fil-gbir anke ta' fondi illegali.

"Dwar l-identifikazzjoni tal-persuna allegatament malafamata hu ghal kollox immaterjali x'kienet l-intenzjoni ta' l-artikolista jew x'kellu f'rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f'mohhu dik il-persuna kinitx jew le indentifikata. Hu ghal kuntrarju materjali t-test ta' l-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta' l-attur. Dana b'mod naturali u minghajr processi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analizi xort'ohra. Dan ukoll b'certu grad ta' certezza (App. Farrugia vs Fava 15.1.97).

Kif jinghad fis-sentenza Vol LXV111 p4 p 316 fejn gie kwotat il-ktieb "Libel and Slander" ta' Carter Rock: *The sole relevant question in every case is: Would reasonable persons understand the words to refer the particular plaintiff ? Factors to be considered in deciding this question are, as Lord Porter pointed out in Knupffen's case " the size of the class, the generality of the charge and the extravagance of the accusation*".

Fil-kaz in ezami ghalkemm inkiteb fl-artikolu li setghu ghaddew fondi illegali lill MLP wiehed jifhem li l-fondi ghalkemm ghaddew lill MLP dawn ikunu ghaddew minn persuna ghal persuna u fl-MLP fost l-aktar persuni responsabbili biex jaraw li jkun hemm amministrazzjoni retta huma l-President u s-Segretarju Generali ta' l-istess partit. Huma dawn il-persuni li kienu responsabbili ghal gbir tal-fondi. Reati kriminali, bhala dak allegat, jigu kommessi minn individwi u mhux minn enti guridiku.

Ghalhekk dina l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

**Privilegg kwalifikat**

Il-konvenuti qed jeccepixxu ukoll li l-pubblikazzjoni *de quo* hija koperta mill-Privilegg Kwalifikat taht l-Art. 12A tal-Kap. 248. Huma jsostnu li l-pubblikazzjoni tirrifletti diskors

pubbliku li ghamel Joseph Fenech f'konferenza stampa li giet rappurtata fil-gazzetti u f'mezzi tax-xandir.

Biex japplika l-privilegg kwalifikat il-Ligi fl-art 12A tal-Kap 248 tipprovvdi li :

"Fi proceduri mehuda in forza ta' dan l-Att tkun difiza ghall-editur jew ghar responsabbli ghall-pubblikazzjoni li jipprova li l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f'rapport preciz ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku importanti minn persuna identifikata u li kienet taf jew ragonevolment setghet tkun taf jew tistenna li l-kontenut ta' dak id-diskors se jigi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir, u li l-pubblikazzjoni ta' l-istess diskors kienet ragonevolment gustifikabbli f'socjetà demokratika".

Id-difiza tal "qualified privilege" *gives immunity from libel actions when newspapers can prove a "duty to publish" articles which the public has a "right to know".* Fil-Qrati Inglizi dina d-difiza hija maghrufa bhala r- **Reynolds defence** u li tikkonsisti li *in certain circumstances journalists can report allegations of a serious nature without having to prove that they are true. It offers newspapers, within closely circumscribed limits, immunity from libel actions provided they acted responsibly and in good faith and publications was in the public interest.* Ghalhekk, apparti l-kondizzjonijiet imsemmija fil-ligi, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti trid tezamina jekk il-publikazzjoni kinitx fl-interess pubbliku u jekk kienx hemm hazen.

L-esposizzjoni klassika ta' x'inhu 'malice' f'dan il-kuntest hija dika ta' Lord Diplock f'Horrocks v Lowe (1975) fejn qalet li "*If the defendant used the occasion for some reason other than the reason for which the occasion was privileged he loses the privilege. Thus, the motive with which the statement was made is crucial. If desire to injure was the dominant motive the privilege is lost*".

L-ewwelnett skond l-artikolu 12A tal-Kap 248, hu initolat ghal dina d-difiza l-editur jew il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni. Fil-kaz in ezami Victor Camilleri kien

l-editur (ara dok B a fol 6) mentri Dione Borg la kien editur u lanqas il-persuna responsabbli ghal pubblikazzjoni imma biss l-awtur tal-kitba, ghalhekk Dione Borg ma jistax jippretendi difiza taht dana l-artikolu.

Inoltre skond l-istess artikolu 12A biex ikun hemm dina d-difiza ta privilegg kwalifikat l-konvenut irid jipprova li l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f'rapport preciz ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku.

Dwar x'inhu rapport préciz ta' diskors pubbliku, fis-sentenza tal Cassazione tal 19 ta' Dicembru 2001, Numru 15999 gie deciz li f'kazijiet simili, "*la pubblcazione del contenuto diffamatorio trid tkun priva di rilievo… u riprodotta in forma impersonale ed oggettiva, quale (da) semplice testimone, senza dimostrare, cioe`, con commento o altro, di aderire comunque al suo contenuto diffamatorio ed abbandonare, cosi`, la necessaria posizione di narratore ascettico ed imparziale del fatto*".

Fil-kaz in ezami il-konvenut Dione Borg xehed li ghal konferenza stampa ta' Joseph Fenech kienu mistidnien il-gurnalisti kollha u huma rrappurtaw dak li qal Joseph Fenech dak in nhar. Borg spjega li fil-harga tal-gazzetta l-Mument in kwistjoni huma ghamlu *follow up* fuq dak li qal Fenech u pprovaw janalizzaw dak li qal, u ta bhala ezempju li raw ghal liema perjodu Fenech kien qed jirreferi. Hu qal bi "stharrig" imsemmi fl-artikolu, jifhem li wiehed jista jmur oltre dak li jkun qal xi hadd u f'dan il-kaz hu hekk ghamel.

**L-artikolu inkriminat**

It-titolu ta' l-artikolu inkriminat hu b'tipi hoxnin u jghid hekk:

**Il-fondi 'ghaddew' fiz-zmien li l-MLP kien qed jibni c-centru Nazzjonali Laburista.**

L-artikolu jibda bl-ahbar li

**<u>Minn stharrig li ghamel il-Mument jirrizulta</u>** li l-fondi li Zeppi Fenech 'il-Hafi' indika li setghu ghaddew lill-MLP

kienu trasferiti fil-perijodu meta l-Partit Laburista kien qed jibni c-Centru Nazzjonali Laburista fil-Hamrun.

L-artikolu jghid li “Il-kaz ta’ dawn il-fondi ‘illegali’ lill MLP kien zvelat minn Zeppi Fenech f’konferenza ta’ l-ahbarijiet li ghamel nhar is-Sibt 31 ta’ Lulju 1999 fil-Gzira”. L-artikolu imbaghad jirrapporta l-akkuzi li ghamel Zeppi Fenech u kif l-MLP kien qed jiddefendi lill individwu li allegatament ghadda dawn il-fondi lill MLP f’dak il-perjodu u kif issa bidlu c-cirkostanzi u “lill MLP waqaflu l-pajp taz-zejt” (liema pajp jidher fir-ritratt fl-artikolu).

L-artikolu jkompli jghid li **<u>lil il Mument irrizultalu</u>** li l-perjodu li ghalih kien qed jirreferi Zeppi Fenech kien meta l-Partit Laburista kien qed jibni c-centru Nazzjonali Laburista, meta waqqaf l-istazzjon televiz, ir-radju Super One u beda jippublika gazzetta kull nhar ta’ Hadd. L-artikolu jghid li l-MLP dejjem sostna li l-fondi ghal bini tac-Centru gew minghand ic-cittadini fil-kampanja ta’ gbir bieb bieb li kien jorganizza l-Partit f’dawk iz-zminijiet.

Illi l-ewwelnett irid jigi rilevat li ghalkemm il-konvenuti qed jissottomettu li l-pubblikazzjoni tirrifletti d-diskors pubbliku li ghamel Joseph Fenech, il-konvenuti, li qed jinvokaw id-difiza ta’ privilegg kwalifikat, ma esebewx kopja tad-diskors li ghamel Joseph Fenech fil-konferenza stampa biex jigi verifikat dak li ntqal. Nonostante dana pero mix-xhieda ta’ Dione Borg (fejn qal li hu mar oltre) u anke mill-istess artikolu (l-istharrig li sar) jirrizulta li l-konvenuti mhux biss irrappurtaw dak li qal Joseph Fenech izda komplew jistharrgu u bnew storja fejn qalu li l-fondi illegali li allegatament ghaddew lill-MLP, ghaddew meta kien qed jinbena c-Centru tal-Partit Laburista.

Fil-fatt mill-artikolu stess (minghajr l-ghajnuna ta’ kopja ta’ dak li effettivament kien qal Joseph Fenech) jirrizulta li filwaqt li Joseph Fenech kien qal li ghaddew fondi illegali lill MLP, il-konvenuti fl-istharrig taghhom marru oltre u kitbu li dan gara meta l-Partit Laburista kien qed jibni c-centru Nazzjonali Laburista, meta twaqqaf l-istazzjon televiz, ir-radju super One u beda jippublika gazzetta kull

nhar ta' Hadd u kienet qed issir kampannja ghal gbir tal-fondi.

L-iskop tal-pubblikazzjoni tar-rizultat ta' dana l-istharrig ma kienx semplicement rappurtagg ta' fatt ta' data kif qal Dione Borg fix-xhieda tieghu imma intiz (u hawn jidher il-*malice)* biex juri li c-centru Nazzjonali Laburista, l-istazzjon televiz, ir-radju Super One u l-gazzetta ta kull nhar ta' Hadd, kienu nbnew minn fond illegali gejjin minn attivita kriminali ta' persuna (identifikabbli) li l-MLP kien qed jiddefendi.

L-artikolu ghalhekk ma kienx semplicement rapport tal-konferenza stampa li ta Joseph Fenech, *priva di rilievo… u riprodotta in forma impersonale ed oggettiva, quale (da) semplice testimone* imma kif jinghad f'sentenza recenti moghtija l-Ingilterra, "*They did not merely adopt the allegations. They embraced them with relish and fervour. Then they went on to embellish them*" **(Galloway case 2004).**

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut Camilleri qua editor ai fini ta' l-art 12A ma jistax jibbenefika mid-difiza ta' privilegg kwalifikat.

Illi inoltre il-Qorti ghandha dubbji kemm dina l-konferenza stampa minn Joseph Fenech maghruf bhala Zeppi l-Hafi kienet avveniment pubbliku mportanti u li r-rapportagg tal-konferenza stampa kien ragonevolment gustifikabbli f'socjetà demokratika. Fil-fatt il-Gately jghid li : *A press conference (where only journalists are invited) is not within the paragraph* (cjoe *a public meeting - bona fide and lawfully held for a lawful purpose and for the furtherance or discussion of a matter of public concern. )*

Di piu, meeting pubbliku jrid jkun ***bona fide*** u ma jistax jinzammx biss biex xi hadd jigi defamat. Kif ighid il-Gatley "*Again no privilege will attach to a report of the proceedings of an unlawful meeting, e.g. a meeting for the purpose of vilifying a person*".

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-konvenuti ma jistghux jibbenefikaw mid-difiza ta' privilegg kwalifikat.

L-allegazzjoni, li l-konvenuti rrappurtaw, li l-Partit Laburista ircieva fondi 'illegali' hija malafamanti kemm fil-konfront tal-Partit Laburista kif ukoll fil-konfront tal-ufficjali tieghu. Hija malafama serja ukoll li minhabba dawn il-fond 'illegali' l-Partit Laburista kellu interess li jiddefendi lill xi hadd li ghalkemm ma jissemmiex b'ismu r-referenza kjarament kienet ghal Meinrad Calleja u li l-fondi kienu gejjin mill attivita' kriminali tieghu. Il-malafama hija serja wkoll ghax tiskredita lill Parit Laburista li ghal attivitajiet tieghu jiddependi mill gbir tal-fondi minn nies u ghalhekk huwa importanti li huwa jibqa' jgawdi l-fiducja tal-membri u donaturi tieghu.

In vista ta' dina l-konkluzzjoni, it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti ma tistax tigi milqugha billi mhiex *fair comment* permessa mill-ligi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti
Tilqa' t-talba ta' l-atturi u
Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lil atturi s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurja u malafama li huma sofrew bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.
Spejjez ghall konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------